# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA MQADDSA GEWWA ........................

## CANOSA

Il-Gimgha Mqaddsa gewwa Canosa fil- Puglia tibda mill-gimgha ta' qabel il-Gimgha l-Kbira bid-devozzjoni tad-Duluri. In-nies ta' Canosa jithejjew ghal din l-okazzjoni billi jaghmlu settenarju jew 7 ijiem ta' preparazzjoni ghall-festa ta' l-Omm Addolorata. Ghaliha l-poplu jattendi numerosament. Hawn l-uzanza li n-nisa li jimxu wara d-Duluri, jilbsu l-iswed bhala sinjal ta' rispett. Dawn jipprecedu jew isegwu s-simulark jghidu t-talb u jintunaw il-Miserere.

F'Hamis ix-Xirka wara c-celebrazzjoni tal-Quddiesa "Ic-Cena tal-Mulej", il-fidili jaghmlu s-seba' viziti lil-artali tar-Reposizzjoni. Xi 20 jum qabel xi uhud mill-fidili jizirghu l-qamh go plattini u jhalluh jikber fid-dlam. Dan jikber abjad jew safrani u filghodu johduh fil-knisja biex joffruh halli jintrama fis-"sepulkri", quddiem is-sagrament ma' fjuri ohra. Dan il-qamh abjad li jkun kiber fid-dlam u offrut mill-fidili biex izejjen is-sepulkru tal-Mulej huwa simbolu tad-Difna ta' Kristu u tal-Qawmien tieghu mill-imwiet. Iz-zerriegha tal-qamha mizrugha fuq ftit hamrija ghad-dlam  hi mahsubha biex tikber u issir Hobz ghall-Ewkaristija; issir imbaghad hadra meta tara d-dawl tal-Qawmien ta' Kristu.

Fil-jum tal-Gimgha Mqaddsa wara ghodwa ta' talb, tkun imfakkra wara nofs in-nhar il-Mewt ta' Kristu fil-funzjoni msejha l-Ezaltazzjoni tas-Salib.

Filghaxija mill-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fi Pjazza Umberto I, tibda tohrog il-purcissjoni bil-Misteri tat-tbatija ta' Gesu', bi statwi antiki ta' l-injam li jirrapresentaw dawn il-mumenti krucjali tal-Passjoni

ta' Kristu:

Kristu gewwa l-Ort

Kristu msawwat mal-kolonna.

Kristu jgorr is-salib

Il-Veronika

Il-Kalvarju.

Antikament il-hames statwi kienu mahduma fil-kartapesta . Imma fis-sena 1920 dawn gew ikkumissjonati minn Don Francesco Tessa biex jinhadmu fl-injam. Dawk originali kienu sar fis-sena 1860. Fiz-zminijiet l-imghoddija meta l-istatwi kienu ghadhom ma mbidlux l-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira kienet issir filghodu b'dawn il-hames misteri taht il-harsien tal-Konfraternita' ta' Marija Ssma dei Raccomandati. Kienet tibda mill-kappella ta' Sant'Anna li kienet is-sede tal-konfraternita' u tasal sat-tieni knisja imsejha l-knisja tat-Tbatija fejn kienu jieqfu sabiex il-fidili setghu jitolbu u jimmeditaw il-passjoni tas-sinjur taghna Gesu' Kristu. Wara din il-waqfa il-purcissjoni kienet tibqa sejra sal-knisja ta' San Bjagu sakemm fl-ahhar tasal fil-knisja tal-Karmnu.

Il-fratelli tal-konfraternita' tas-Santissmu Sagrament kienu jistennew li tasal din il-purcissjoni biex jinghaqdu maghhom u jkompli l-purcissjoni biz-zewg statwi taghhom dik ta' Kristu mejjet u l-Addolorata, u r-relikwija ta' l-Ghuda Mqaddsa. Hekk il-purcissjoni kienet tkompli sal-knsija ta' San Sabino fejn allura z-zewg fratellanzi kienu jinfirdu biex dik ta' Santa Marija tidhol fis-sede taghha u dik tas-Santissmu Sagrament fil-knisja tal-Karmnu. B'dan il-mod kull partecipant ikun jista jaghmel il-viziti lis-seba knejjes b'mod solenni.
F'dawn l-ahhar snin iz-zewg gruppi ta' statwi huma mizmuma fil-knisja tal-Karmnu u gew resawrati; fil-jum tal-Gimgha l-Kbira ta' kull sena l-istatwi johorgu f'forma ta' purcissjoni u jimxu fit-triq fid-dawl ta' hafna fjakkoli u l-hruq ta' incens quddiem ir-relikwija ta' l-Ghuda

Mqaddsa li tingarr taht il-baldakkin. Fl-ahhar tal-purcissjoni din ir-relikwija tidhol fil-knisja u l-fidili juri l-qima taghhom bil-bewsa tat-teka.

Fil-jum tas-Sibt Imqaddes kmieni filghodu antikament kienet organizzat mill- Konfraternita' tal-Madonna tar-Ruzarju li kellha s-sede taghha fil-knisja antika ta' San Frangisk il-purcissjoni ta' Marija Desolata hdejn is-Salib, b'anglu jikkonsolaha.

Sfortunatament il-hbit mill-arju f'Novembru tas-sena 1950 qered ghal kollox iz-zewg knejjes ta' San Frangisk u San Biagju imma gew imtela' mill-gdid wara l-gwerra bhala knisja wahda taht l-isem ta' San Frangisk u San Biagju. Anki l-istatwa tad-Desolata regghet saret mill-gdid fis-sena 1953 mill-benefattur devot Giuseppe D'Elia meta kappillan kien Padre Stefano Besozi. Din l-istatwa hija xoghol ta' Lecce.

Il-purcissjoni baqghet issir ta' kull sena u hija mistennija hafna. Tohrog mil-knisja ta' San Bjagju u San Frangisk u fiha jiehdu sehem hafna tfal libsin ta' angli jzommu simboli u tifkiriet tal-Passjoni ta' Kristu: kuruna tax-xewk, dammi, qasba, kalci etc. Warajhom timxi l-istatwa tad-Desolata segwita minn hafna tfajliet u nisa wicchom mghotti b'maktur iswed jkantaw l-Istabat Mater ghan-noti tal-Banda tal-lokal.

Dan l-innu huwa tassew suggestiv ghal din l-okazzjoni u l-kant u noti muzikali jippenetraw il-qalb u jdahhlu lill-partecipanti f'kontemplazzjoni tad-dulur ta' Ommna Marija Ssma.




1. IX-XBIHA TAD-DULURI LI TOHROG FIL-PURCISSJONI TAL-GIMGHA.



2. L-ADDOLORATA - L-ISTATWA LI TOHROG F'SIBT IL-GHID FILGHODU.



3. NISA LI IEHDU SEHEM B'WICCHOM MGHOTTI BIL-VELU ISWED.